# KEMM HU KBIR IL-AMAR T'ALLA !

Naħla għażiża tgħidlix ħaġa?
Kif tgħallimt tagħmel ix-xehda,
Kif tgħallimt mill-ward tlaqqatha,
Kif taħdimha taf u tqiegħda

Grieżel grieżel biex ġo fihom
Fuq saqajk l-għasel iġġorr?
Għid, min għallmek tarda l-ħelu
Li mill-ward twarrab il-morr?!

Xtaqtek tgħidli fejn mort skola,
Kif tgħallimt, maż-żernieq kmieni
Ħaġa m'oħra b'għaqal tlaqqa',
Kif issawwar lewn sewdieni,

Il-qatran? u li b'dan tkaħħal
Iċ-ċaċċisi ta' kamartek
Biex fil-kwiet annuna taħdmu
Ommok ħutek inti u martek!

Għidli naħla u għidli s-sewwa
'L-ommok min għallimha r-rżina
Kif taf taħkem kollha l-ġlajka
Bil-kmand tagħha ta' Reġina.

U għalfejn nistaqsik nokqgħod!
Lejn is-Sema 'l qalbi ntalla'
U mistagħġeb nistqarr ngħid :—
Kemm hu kbir il-amar t'Alla!!.

R. M. B.